**Kunsill Lokali - Il-Fgura**

# Rapport Amministrattiv Sena 2019

Il-Werrej


| | | |
|---|---|---|
| 1.0 | Il-Kunsill | 3 |
| 1.1 | Il-Membri tal- Kunsill | 3 |
| 1.2 | Responsabilitajiet tal-Kunsilliera | 3 |
| 1.3 | Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill | 4 |
| 1.4 | Il-Ħidma tal-Kunsill | 4 |
| 2.0 | Ilmenti u Suġġerimenti | 4 |
| 2.1 | Kuntatt | 5 |
| 2.2 | Laqgħat | 5 |
| 2.3 | Press Conferences | 5 |
| 2.4 | Xogħol ieħor imwettaq mill-Kunsill | 5 |
| 2.5 | Xogħol mill-ħaddiema tar-reġjun | 6 |
| 2.6 | Fondazzjoni RISE | 6 |
| 3.0 | Attivitajiet | 6 |
| 3.1 | Eżebizzjoni tal-Wirja tal-Arti | 6 |
| 3.2 | Festa tal-ilsien Malti | 6 |
| 3.3 | Jum il-Fgura | 6 |
| 3.4 | Attivita' mal-Fgura United Football Club | 7 |
| 3.5 | Attivita' mal-Anzjani | 7 |

3.6 Attivita' mat-tfal tal-iskola u l-Ftuħta' Triq Charles Magro…………….... 7
3.7 Żjara uffiċjali tal-Ambaxxatur tal-indja għall-Malta…………………...... 7
4.0 Attivitajiet oħra………………………………………………………...... 7
4.1 Karnival 2019………………………………………………………… 7
4.2 European Mobility Week 2019……………………………………….. 7
4.3 Kompetizzjonijiet tal-Milied 2019……………………………………… 7
5.0 Armar fit-toroq għall-Milied……………………………………………… 7
6.0 Live – Streaming………………………………………………………….. 8
7.0 Finanzi…………………………………………………………………….. 8
8.0 Konkluzjoni………………………………………………………………… 8

## 1.0 Il-Kunsill

Il-Kunsill Lokali tal-Fgura, raħal b'popolazzjoni ta' madwar **12,500** huwa magħmul minn disa' kunsillieri eletti. L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, kienet immexxija mis-Segretarju Eżekuttiv bl-assistenza ta' erba' impjegati skrivani fix-xogħol tal-Uffiċċju.

Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill jaħtar Kumitati/Sotto Kumitati, bil-għan li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjani tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbiltajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali. Il-Kumitat tal-Finanzi, u s-Sotto Kumitati għall-Immaniġġjar u s-Senjalazzjoni tat-traffiku flimkien ma' dak tal-Uffiċċji Amministrattivi, jitlaqqgħu perjodikament għal dan l-iskop.

Il-Kunsill elett matul din il-leġiżlatura beda jopera b'effett mit-18 ta' Ġunju, 2019. Din il-leġiżlatura hija ppjanata li jkollha terminu ta' ħames snin, jiġifieri sas-sena 2024, bħala parti minn proċess li se jġib it-terminu ta' leġiżlatura, dak ta' ħames snin għal kull Kunsill Lokali.

### 1.1 Il-Membri tal-Kunsill

| | |
|---|---|
| Is-Sur Pierre Dalli | Sindku |
| Is-Sur Clayton Portelli Cascun | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| Is-Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Toshera Schembri | Kunsillier |
| Dr. Ryan Ellul | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Fava | Kunsillier |
| Is-Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| Is-Sur Mark Lombardo | Kunsillier |

### 1.2 Responsabilitajiet tal-Kunsilliera

Pierre Dalli - Sindku
Sorveljanza funzjonijiet tal-Kunsill inkluz staff amministrattiv u ħaddiema,finanzi, qasam soċjali, Sigurta',
Materjal informattiv u konsultazzjoni, Għaqdiet u ċ-Ċentru Ċiviku.

Clayton Portelli Cascun - Viċi Sindku
Indafa, ġonna pubbliċi, ġbir ta' skart goff u ġbir ta' skart domestiku.

Charles Bonello - Kunsillier
Kultura u Wirt Storiku kif ukoll Ambjent

Ray Deguara – Kunsillier
Ħarġiet mill-Kunsill, attivitajiet, dwal tat-toroq, persuni bi bżonnijiet speċjali, aċċessibilita' u anzjani

Toshera Schembri – Kunsilliera
Informazzjoni Teknoloġika, corporate image li tinkludi l-fuljett, letterheads u imejls, sit elettroniku, live streamingtal-lghat tal-Kunsill, innovazzjoni, Zghazagh u tfal kif ukoll n-nisa fis-soċjeta

Dr. Ryan Ellul - Kunsillier
Traffic Management, infrastruttura u proġetti, Materji legali, reklamar tat-toroq, bye laws u oqsma bini tal-Gvern

Is-Sur Mario Fava - Kunsillier
Planning Authority, Programmi u fondi tal-Unjoni Ewropeja, Ħidma Internazzjonali (inkluż skambji), devoluzzjoni ta' Artijiet, komunita' kummerċjali u trasport pubbliku

Is-Sur Adrian Tanti – Kunsillier
Sports, saħħa, Integrazzjoni ma' residenti barranin, ħarsien mill-annimali

Is-Sur Mark Lombardo - Kunsillier
Jum il-Fgura u l-Festa Titulari, Tizjien tal-Milied, Ktieb dwar l-istorja tal-Fgura u Edukazzjoni

### 1.3 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill.

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2019 inżammu 17-il laqgħa li erbgħa minnhom kienu b'urġenza. L-attendenza kienet hekk kif murija fit-tabella t'hawn taħt.

## Tabella tal-attendenza tal-Kunsillieri

L-attendenza tal-Kunsillieri matul is-sena 2019 minn Jannar sa Ġunju

| Kunsillieri | Laqgħat | Preżenti | Skuzat/a | Assenti | % ** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Is-Sindku Pierre Dalli** | 8 | 8 | 0 | 0 | 100 |
| **Il-Viċi Sindku Ray Deguara** | 8 | 8 | 0 | 0 | 100 |
| **Il-Kunsillier Charles Bonello** | 8 | 5 | 2 | 1 | 62.5 |
| **Il-Kunsilliera Ryan Ellul** | 8 | 7 | 1 | 0 | 87.5 |
| **Il-Kunsillier Mark Lombardo** | 8 | 7 | 1 | 0 | 87.5 |
| **Il-Kunsillier Jesmond Zammit** | 8 | 0 | 4 | 4 | 0 |
| **Il-Kunsillier Rene Zammit** | 8 | 1 | 3 | 4 | 12.5 |
| **Il-Kunsillier Saviour Camilleri** | 8 | 6 | 1 | 1 | 75 |
| **Il-Kunsillier Mario Fava** | 8 | 6 | 2 | 0 | 75 |

L-attendenza tal-Kunsillieri matul is-sena 2019 minn Lulju sa Diċembru

| Kunsillieri | Laqgħat | Preżenti | Skuzat/a | Assenti | % ** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Is-Sindku Pierre Dalli** | 9 | 9 | 0 | 0 | 100 |
| **Il-Viċi Sindku Clayton Portelli Cascun** | 9 | 8 | 0 | 1 | 89 |
| **Il-Kunsillier Charles Bonello** | 9 | 9 | 0 | 0 | 100 |
| **Il-Kunsilliera Ray Deguara** | 9 | 7 | 1 | 1 | 78 |
| **Il-Kunsillier Toshera Schembri** | 9 | 8 | 1 | 0 | 89 |
| **Il-Kunsillier Ryan Ellul** | 9 | 7 | 1 | 1 | 78 |
| **Il-Kunsillier Mario Fava** | 9 | 2 | 6 | 1 | 22 |
| **Il-Kunsillier Adrian Tanti** | 9 | 8 | 1 | 0 | 89 |
| **Il-Kunsillier Mark Lombardo** | 9 | 9 | 0 | 0 | 100 |

** Persentaġġ maħdum fuq il-preżenti biss

### 1.4 Il-Ħidma tal-Kunsill

Matul is-sena kalendarja 2019 saru **17-il laqgħa tal-Kunsill**,li jinkludu **erba'** laqgħat li saru b'urġenza. Matul dawn il-laqgħat ġew imressqa **340 mozzjoni**.

**Intbagħtu mat-16,352 ittra u korrispondenza oħra, filwaqt li ġew iproċessati mal- 2675 permessi** dwar xogħlijiet varji fil-lokal. Il-permessi kienu jinkludu dawk relatati ma' krejnijiet, *scaffoldings*, attivitajiet, tqegħid ta' skips u tħaffir ta' toroq. Kwalunkwe' ċittadin għandu l-faċilita' li jiġbor diversi applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

### 2.0 Ilmenti u Suġġerimenti

Matul is-sena 2019,il-Kunsill irċieva **1225 Ilment u 34 Suġġeriment 97.5**% tal-ilmenti ġew magħluqa, filwaqt li **2.5%** baqgħu ma ġewx solvuti sal-aħħar tas-sena 2019. Dawn il-figuri jixhdu li l-Kunsill jirreġistra bir-reqqa kull ilment li jasal għalkemm ikun selettiv fir-reġistrazzjoni ta' ilmenti anonimi. Din is-sistema tgħin lill-Kunsill biex ikun iktar kontabbli fir-rigward tar-residenti u fl-istess waqt ikun jista' jżomm kontroll tal-ilmenti li jkunu għadhom pendenti.

Il-parti l-kbira tal-ilmenti ġew magħluqa permezz ta' xogħol imwettaq minn ħaddiema tal-RSSL – Resource Support and Services Ltd u mill-ħaddiema tad-District Operations u anke mill-ħaddiema tar-reġjun. Din it-tabella turi dawn il-figuri msemmija fir-rigward tal-ilmenti u s-suġġerimenti għas-sena 2019.

| | **Ilmenti** | Persentaġġ | **Suġġerimenti** | Persentaġġ | |
|---|---|---|---|---|---|
| Magħluqa | 1194 | 97.5% | 21 | 61.8% | Magħluqa |
| Pendenti | 31 | 2.5% | 13 | 38.2% | Pendenti |
| Total | 1255 | 100% | 34 | 100% | Total |

Kellna 6 applikazzjonijiet għall-bożża ġdida u 4 applikazzjonijiet biex imexxu bożża minn post għal ieħor.

### 2.1 Kuntatt

(a) Bil-għan li jinżamm kuntatt mar-residenti, l-Kunsill ippubblika żewġ ħarġiet tal-fuljett intitolat 'Mill-Kunsill'. Permezz ta' dan, il-Kunsill provda informazzjoni dwar il-ħidma li wettaq dan il-Kunsill u fuq bosta xogħlijiet li saru f'diversi toroq imwettqa mill-istess Kunsill.

(b) Il-Kuntatt mar-residenti kompla jinżamm ħaj permezz ta' **sitt ħarġiet** li saru bi skop kulturali, rikreattiv jew edukattiv, hekk kif deskritt fil-lista segwenti:

| | |
|---|---|
| 13/03/2019 | Ħarġa għall-Muża |
| 24/04/2019 | Crafts Village |
| 22/05/2019 | San Anton |
| 16/08/2019 | Dawra ma' Malta u Kemmuna |
| 23/10/2019 | Ferrovija u l-Kripta ta' Sant'Agata |
| 08/12/2019 | Ġurnata Għawdex |

### 2.2 Laqgħat

Saru tal-anqas **361** laqgħa li organizza l-Kunsill jew li kien parteċipi fihom. Dawn kienu jinkludu laqgħat tas-Sindki u l-Viċi Sindki; mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Infrastructure Malta, PC Generation, FSWS, Unitech, Ministeru għall-Energija u l-Immaniġjar tal-Ilma, Global Tech, Sotto Kumitat tal-Armar, Fgura Football Club, Red Cross, Drug Squad, Planning Authority, mal-kuntrattur tal-Ġbir tal-iskart Goff, Bava Holdings Ltd, Heritage Malta u Dominos.

### 2.3 Press Conferences

Kellna 7 Konferenzi Stampi ma' Infrastructure Malta, ma' Hon. Clifton Grima re: Adventure Park, Konferenza tal-Aħbarijiet dwar Triq Mahatma Gandhi, Konferenza stampa ġewwa l-Berġa tal-Italja re: Gvern Lokali, oħra dwar tnehdija ta' Liason Officers tal-Entitajiet Governattivi, konferenza stampa fuq is-servizz ta' Contract Manager f'kull Kunsill Lokali, Konferenza stampa fuq European Mobility Week, u oħra dwar Social Integration.

### 2.4 Xogħol ieħor imwettaq mill-Kunsill

(a) Zumba u Aerobic courses li saru darbtejn fil-ġimgħa (It-Tlieta u l-Ġimgħa) esklusivament b'xejn għar-residenti tal-Fgura. Dawn saru fis-sala tal-Kunsill u kienu organizzati u mħallsa mill-kunsill Lokali għar-residenti tal-Fgura.

(b) Qed isiru wkoll sezzjonijiet tal-line Dancing kull nhar ta' Erbgħa filghodu.

(c) Kull nhar ta' Tlieta filgħodu qed isiru wkoll sezzjonijiet ta' Yoga

(d) Intlaqgħu **5276** talba mir-residenti biex jinġabar Skart Goff (**Bulky Refuse**) minn wara l-bibien tad-djar residenzjali.

(e) Kien hemm **1059** residenti li ħadu l-**vaċċin tal-influenza**.

(f) Minn Jannar sa Diċembru 2019 kien hemm **13,367** ta' self ta' kotba mill-Librerija Pubblika.

(g) Ingħataw korsijiet għat-tfal Aqra Miegħi, wieħed filgħodu bil-Malti u l-ieħor bl-Ingliż filgħaxija.

(h) Qed isiru lezzjonijiet tal-crafts min-nisa tad-djar kull nhar ta' Ħamis mid-9am sa 12pm ġewwal-binja tal-Kunsill.

(i) Il- Kunsill għen ukoll fil-**formazzjoni edukattiva** ta' tliet studenti bil-għan li jesperjenzaw u jitgħallmu dwar il-ħidma tal-Kunsill. Student minn Junior College San Alwigi u 2 Studenti minn Mcast

(j) Ta' spiss sar l-iffriskar tal-linji tat-toroq.

(k) Ġiet installata bandla għall-persuni li jagħmla użu mis-siġġu tar-roti fi Pjazza Patri Redent Gauci f' Ġunju 2019.

(l) sleeping police ġdida fi Triq Mahatma Gandhi

## 2.5 Xogħol mill-ħaddiema tar-reġjun.

Dan il-kunsill iggwadanja mix-xogħol imwettaq mill-ħaddiema tar-Reġjun. Fost ix-xogħlijiet li għamlu kien hemm,

(a) Bankina fi Triq il-Bieb

(b) Bankina fi Triq Blondel

(c) Bankina fi Triq Sant'Antnin

(d) Bankina fi Triq Fredu Abela

(e) Irranġar ta' ħajt fil-Housing Estate

(f) Central Strip ġdida fi Triq A.M. Valperga

(g) Irranġar ta' ħajt fi Triq William Lassel

## 2.6 Fondazzjoni RISE

L-għan ewlieni tal-Fondazzjoni RISE hi li taħdem ma' individwi li bħalissa qed jiskontaw sentenza fil-Faċilita' Korettiva ta' Kordin fejn gradwalment jintergrawhom ruħhom lura fis-soċjeta permezz ta' programm ta' rijabilitazzjoni intensiv. Bħala Kunsill Lokali kellna l-opportunita' li nigwadanjaw minn dan is-servizz tar-Rise fejn dan l-individwi wettqu 20 siegħa ta' xogħol komunitarju fil-lokalita tagħna.

# 3.0 Attivitajiet

## 3.1 Eżebizzjoni tal-Wirja tal-Arti tal-Artist Philip Chircop

Din l-eżebizzjoni li ġiet inawgurata nhar is-Sibt 19 ta' Ottubru kienet miftuħa għall-pubblika minn nhar it-Tnejn 21 ta' Ottubru sa nhar il-Ħadd 27 ta' Ottubru. F'din l-eżebizzjoni wieħed setgħa jara u jammira d-diversi pitturi estratti tas-Sur Philip Chircop

## 3.2 Il-Festa tal-Ilsien Malti

Il-Ġimgħa 25 ta' Ottubru 2019, il-Kunsill Lokali tal-Fgura tellgħa l-attivita' bl-isem tal-Festa tal-Ilsien Malti fejn matul din is-serata nqraw il-poeżiji u ndaqqu bosta kanzunetti Maltin. Waqt din is-serata ngħataw Ġieħ u Ħajr il-Fgura kif ukoll rikonoxximenti.

## 3.3 Jum il-Fgura

Fis-sena 2019, Jum il-Fgura ġie ċċelebrat Nhar il-Ħadd 27 ta' Ottubru, fejn sar korteo bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet tal-Fgura, minn Triq Hompesch lejn il-Knisja Parrokkjali fejn hemm ġiet iċċelebrata l-quddiesa ta' Radd il-Ħajr. Wara,

ngħaqqadna ġewwa Wesgħa Reggie Miller bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet kif ukoll mill-Kor Flower of Carmel, fejn giet imtella' l-bandiera tal-lokalita.

### 3.4 Attivita' mal-Fgura United Football Club

Bħala parti mill-attivitajiet ta Jum il-Fgura dan il-Kunsill b'kollaborazzjoni mal-Fgura United Football Club nhar il-Ħadd 20 ta' Ottubru matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu saru diversi attivitajiet sportivi ġewwa l-ground tal-Fgura United.

### 3.5 Attivita mal-Anzjani

Attivita' oħra li tella' dan il-Kunsill kienet dik mal-anzjani fejn dawn kienu mistiedna jżuru l-binja tal-Kunsill Lokali u wara konġuta mal-istess attivta' ħarġa fejn żorna l-istazzjon tal-Ferrovija ġewwa B'Kara u wara morna r-Rabat fejn żorna l-Kripta u l-katakombi ta' Sant'Agatha

### 3.6 Attivita mat-tfal tal-iskola għal ftuħ Uffiċjali ta' Triq Charles Magro

Attivita' interessanti oħra li tella' dan il-Kunsill kienet dik mat-tfal tal-iskola fejn nhar it-Tnejn 21 ta' Ottubru ġiet iċċelebrata Triq ġdida fi Triq l-Għarnuq u ngħatat l-isem ta' Triq Charles Magro. F'din l-attivita' uħud mit-tfal li jattendu l-Iskola Primarja tal-Fgura kellhom l-opportunita' li jaqraw diversi poeżiji

### 3.7 Żjara uffiċjali tal-Ambaxxatur tal-Indja għall-Malta

Nhar il-Ħamis 31 ta' Ottubru, 2019, saret żjara uffiċjali tal-Ambaxxatur tal-Indja għal Malta fejn wara li flimkien mas-Sindku s-Sur Pierre Dalli, il-Viċi Sindku Clayton Portelli Cascun u l-Kunsillier responsabbli mill-Kultura s-Sur Charles Bonello żaru l-binja tal-Kunsill u saret laqgħa, marru jżuru Triq Mahatma Gandhi.

## 4.0 Attivitajiet oħra

### 4.1 Karnival 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Fgura organizza attivita' għall-Karnival 2019 nhar il-Ġimgħa 1 ta' Marzi fi Vjal Kottoner. F'din is-serata ħadu sehem l-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura kif ukoll bosta skejjel taż-żfin libsin kostumi Karnivaleski

## 4.2 European Mobility Week 2019

Il-Kunsill organizza attivita' tal-Car Free Day, li tellgħet nhar il-Ħadd 21 Settembru 2019. F'dan il-jum Triq Hompesch bejn Triq il-Karmnu u Triq is-Sur ingħalqet għat-traffiku u ġew prattikati bosta attivitajiet sportivi.

## 4.3 Kompetizzjonijiet tal-Isbah Faccata armata ghall-Milied u L-isbah Presepju

Din is-sena, il-kunsillier responsabbli mill-Kultura flimkien mas-sotto kumitat ħaseb li jorganizza 2 attivitajiet b'differenza għal żmien il-Milied. Saru żewġ kompetizzjonijiet fejn żewġ gruppi ta' persuni żaru d-djar ta' dawk il-persuni li applikaw għal dawn l-kompetizzjonijiet u vverifikaw li l-kriterji kollha ġew milħuqa. Iktar tard saret ċerimonja fil-binja tal-Kunsill fejn kull min ipparteċipa ngħata ċertifikat ta' parteċipazzjoni u l-ewwel tlieta li ġew miż-żewġ kompetizzjonijiet ingħataw vouchers bħala premju. F'dawn iż-żewġ kompetizzjonijiet ipparteċipaw 26 familja u kienet parzjalment sponsorjata minn Chain Supermarket

### 5.0 Armar fit-toroq għall-Milied

Bħal kull sena dawn id-dekorazzjonijiet tal-Milied intlaqgħu b'mod tajjeb mill-kommunita' tal-Fgura għax isebħu t-toroq tal-Fgura. Is-siġra tal-Milied bi struttura tal-ħadid ġiet armata fir-roundabout ta' Triq Hompesch. Din is-siġra hija għolja 14.12-il metru, b'bażi forma ta' skorfina li ġġib dijametru ta' 7.92 metri.

Dawn it-tiżjin tal-Milied żejnu t-toroq tal-Fgura għal xahar sħiħ bejn is-6 ta' Diċembru 2019 u s-17 ta' Jannar 2020.

## 6.0 Live Streaming

Il-Kunsill baqa' jxandar il-laqgħat tiegħu permezz tal-internet. Ix-xandir tal-Laqgħat tal-Kunsill huwa aċċessibbli permezz ta' dawn il-*links*:

- http://fguracam1.click2stream.com/
- http://fguracam2.click2stream.com/

## 7.0 Finanzi

Ir-rapport finanzjarju għas-sena 2019 jinsab anness ma' dan ir-rapport bħala ANNESS 1.

Hawn taħt wieħed għandu jsib tabella li tikkompara d-dħul u l-infiq għas-snin 2018 u 2019.

| | Perċentwali Total 2019 % | SENA 2019 € | Żieda jew Tnaqqis fuq is-sena ta' qabel € | Perċentwali Total 2018 % | SENA 2018 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul** | | | | | |
| Mill-Gvern | 83.48 | 653,932 | 33,970 | 83.12 | 619,962 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | 0.83 | 6,498 | -7,220 | 1.84 | 13,718 |
| Dħul Supplimentari | 4.67 | 36,539 | -5,837 | 5.68 | 42,376 |
| Grants Released | - | - | - | - | - |
| Minn Bye Laws | 1.62 | 12,659 | -2,965 | 2.09 | 15,624 |
| Mis-sistema ta' infurzar legali | 0.93 | 7,274 | -2,557 | 1.32 | 9,831 |
| Ġenerali | 8.47 | 66,406 | 21,864 | 5.95 | 44,542 |
| **Total** | 100.00 | **783,308** | **37,255** | 100.00 | **746,053** |
| **Infiq** | | | | | |
| Is-Salarji | 21.40 | 172,523 | 20,336 | 19.78 | 152,187 |
| Manutenzjoni u Xogħolijiet | 6.12 | 49,320 | 22,319 | 3.51 | 27,001 |
| Servizzi Kuntrattwali | 33.34 | 268,839 | 48,109 | 28.69 | 220,730 |
| Amministrazzjoni u Spejjeż oħra | 39.14 | 315,683 | -53,640 | 48.00 | 369,323 |
| Dħul u Spejjeż oħra | - | - | -138 | 0.02 | 138 |
| **Total** | 100.00 | **806,365** | **36,986** | 100.00 | **769.379** |
| | | | | | |
| | | -23,057 | 269 | | -23,326 |

## 8.0 Konklużjoni

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsilliera, lill-impjegati u lill-ħaddiema tal-Kunsill, tal-kollaborazzjoni tagħhom. Dan ix-xogħol kien maħsub, ippjanat u mwettaq mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni u l-ħidma ta' kulħadd.

Cynthia Plumpton
Deputat Segretarju Eżekuttiv

**ANNESS 1** – Business Plan għas-Snin 2019 -2021